

32003R1799

L 264/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.10.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1799/2003**tat-13 ta' Ottubru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' l-Iraq**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 miġjuba fih,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/495/CFSP tas-7 ta' Lulju 2003 fuq l-Iraq ⁽¹⁾, kif emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2003/735/CFSP ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) B'riferenza għar-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħqud tat-22 ta' Mejju 2003, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' l-Iraq ⁽³⁾, li, inter alia, jagħmel dispożizzjoni għal miżuri ta' ffriżar li jolqtu l-Gvern li kien hemm fl-Iraq u entitajiet oħra ta' l-Istat. Dawn il-miżuri daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2003.
- (2) Ir-reviżjoni tat-testi relevanti wasslet għall-konklużjoni li r-Riżoluzzjoni ma teħtieġ li l-miżuri ta' ffriżar ikunu jgħoddu għall-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-ministeri u korpi pubbliċi oħra li ma kinux jinsabu barra l-Iraq fid-data tat-22 ta' Mejju 2003, iżda ħallew l-Iraq wara dik id-data.
- (3) In vista ta' dan, il-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal entitajiet pubbliċi fl-Iraq, li jfixxkel it-tħaddim ta' dawn l-entitajiet u jfixxkel bla bżonn il-bini mill-ġdid ta' l-Iraq, għandha tiġi kunsidrata sew. Bħala riżultat, il-kjarifikazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti marbuta ma' l-espertazzjoni, li jkunu deħlin u li jkunu saru permezz tal-banek pubbliċi li hemm imniżżla fl-Anness relevanti tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, issa ssir waħda żejda u bla bżonn.
- (4) Ir-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tippreżenta l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi bħala l-ewwel pass fi proċess li għandu jwassal għat-trasferiment tagħhom lejn il-Fond ta' l-Iżvilupp għall-Iraq. Din teżenta wkoll il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi milli jkunu s-suġġett ta' rahan jew ġudizzju stabbilit jew meħud qabel it-22 ta' Mejju 2003 minn dak il-proċess. Iż-żamma ta' miżuri ta' ffriżar, għalhekk, mhix waħda xierqa, jekk il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi konċernati jkunu eżentati espliċitament mill-kriterju, biex dawn jikkawżaw it-trasferiment tal-fondi u r-riżorsi msemmija għal dak il-Fond.

- (5) Huwa nnutat li l-assenza ta' kriterju ta' ffriżar għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli normali fuq l-għarfien u l-infurzar ta' arbitraġġ u sentenzi ta' pajjiż barrani. Barra minn hekk, m'għandha tingħata l-ebda eżenzjoni dwar kwalunkwe ġudizzju li jkun jikser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3541/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li jipprojbixxi li jkunu aderiti talbiet mill-Iraq dwar kuntratti u transazzjonijiet, li t-twettiq tagħhom kien affettwat bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 661 (1990) u riżoluzzjonijiet oħra relatati ⁽⁴⁾.
- (6) Peress li dawn l-emendi għandhom x'jaqsma ma' l-interpretazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1483(2003), ikun xieraq li dawn jingħatawlihom effett retroattiv għad-data li fiha r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 kien daħal fis-seħħ,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 4 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 4

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha tal-Gvern ta' qabel ta' l-Iraq, jew ta' kwalunkwe entitajiet pubbliċi, korporazzjonijiet, inklużi kumpanniji stabbiliti taħt il-liġi privata u li fihom l-awtoritajiet pubbliċi kellhom interessi maġġoritarji jew kontrollanti, jew aġenziji ta' dak il-Gvern, magħrufa mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness III, għandhom jiġu ffriżati, jekk dawn kienu jinsabu barra l-Iraq fid-data tat-22 ta' Mejju 2003.

2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta', jew kienu ta' jew miżmuma mill-persuni li ġejjin, u magħrufa mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness IV, għandhom jiġu ffriżati:

- (a) l-ex President Saddam Hussein;
- (b) l-uffiċjali anzjani tar-reġim tiegħu;
- (c) il-membri immedjati tal-familji tagħhom; jew
- (d) il-persuni, korpi u entitajiet legali li kienu ta', jew kontrollati direttament jew indirettament, mill-persuni msemmija f'(a), (b) u (c) jew minn kwalunkwe persuna naturali jew legali li tkun qed taħdem f'isimhom jew skond l-istruzzjonijiet tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 169, 8.7.2003, p. 72.

⁽²⁾ ĠU L 264, 15.10.2003, p. 40.

⁽³⁾ ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 361, 10.12.1992, p. 1.

3. L-ebda fondi m'għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament għal, jew fisem xi, persuna naturali jew legali, korp jew entità li hemm imniżżla fl-Anness IV.

4. L-ebda riżorsi ekonomiċi m'għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament, jew għal benefiċċju ta', xi persuna naturali jew legali, korp jew entità li hemm imniżżla fl-Anness IV, li jkunu jistgħu jgħinu lil dik il-persuna, korp jew entità milli tikseb xi fondi, oġġetti jew servizzi.”;

2. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 għandu jitħassar;

3. L-Artikolu 6 għandu jiġi mibdul f'dan li ġej:

“L-Artikolu 6

1. B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif imniżżla fl-Anness V, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk ikunu aderiti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew ta' arbitraġġ stabbiliti qabel it-22 ta' Mejju 2003 jew sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew ta' arbitraġġ li tkun saret qabel dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw esklussivament biex ikunu aderiti t-talbiet marbuta b'dan

ir-għan jew magħrufa bħala validi f'dan il-ġudizzju, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw d-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) li tkun aderita l-pretensjoni ma jkunx bi ksur tar-Regolament (KE) Nru 3541/92; u

(d) li jkun magħruf ir-għan jew il-ġudizzju ma jkunx imur kontra l-politika pubblika fl-Istati Membri konċernati.

2. Fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, il-fondi, ir-riżorsi ekonomiċi u d-dħul mir-riżorsi ekonomiċi ffriżati skond l-Artikolu 4 għandu jitneħħilhom l-iffriżar biex dawn ikunu trasferiti lejn il-Fond ta' l-Iżvilupp għall-Iraq, liema fond huwa miżmum mill-Bank Ċentrali ta' l-Iraq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-KSCM 1483 (2003).”;

4. it-titolu ta' l-Anness V għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Lista ta' awtoritajiet kompetenti li hemm imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jkun jgħodd mid-9 ta' Lulju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

F. FRATTINI